



RIŻENJA TAL-IMĦALLEF EGILS LEVITS

E. Levits ġie elett President tar-Repubblika tal-Latvja

Fid-29 ta' Mejju 2019, Egils Levits ġie elett, mit-XIII^e Saeima (il-Parlament tar-Repubblika tal-Latvja), President tar-Repubblika.

Għalhekk, E. Levits, li ilu Mħallf tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-11 ta' Mejju 2004, ippreżenta r-riżenja tiegħu mill-funzjonijiet ta' Mħallf tal-Qorti tal-Ġustizzja b'effett mis-17 ta' Ġunju 2019, id-data li fiha effettivament jintemmu l-funzjonijiet tiegħu.

Huwa ser jidħol fil-kariga tiegħu bħala President tar-Repubblika tal-Latvja fit-8 ta' Lulju 2019.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżenta, f'ismu u f'isem il-Membri tal-Istituzzjoni, l-isbaħ xewqat lill-President elett.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355